**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330
TEL: 21665500
email: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 3-16

**Data:** 25 ta' Frar 2016

**Hin:** 5:00 pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Preżenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Pawlu Bongailas – Kunsillier

- Michela Zammit- Ambaxxatriċi ġiet skużata
- Vincent Bongailas – Kunsillier gie skuzat

## MINUTI

### TALBA

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

### 1. QARI TAL-MINUTI

Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Jannar 2015.

2. Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Pawlu Bongailas

**3.Ħwejjeġ li jirriżultaw mill-Minuti (Seduta 2.16);**

Punt 4.4 – Is-Sindku għarrfet lill-Kunsill illi dik il-persuna li offriet l-għajnuna tagħha rigward il- bieb ta' l-istore tal- Kunsill bla ħlas, ma tistax tgħina minħabba każ ta' mard.

Punt 6.3 – Is-Seg.Eżek. flimkien mas-Sur Pawlu Bongailas staqsew lill-Kunsill kollu dwar jekk kienx hemm xi kummenti / suġġerimenti rigward il-mixja li ġiet ikkonfermata li ser issir wara qbil mill-Kunsill kollu aktar tard din is-sena.

Is-Sinjura Sultana talbet li tinbidel il kelma kanċer mal-kelma mard kroniku biex żgur li ħadd mill-familjari ma jkun urtat / imweġġa.

Wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera rigward il-punt imsemmi hawn fuq kien hemm qbil bejn kulħadd illi it-titlu jinbidel.

Is-Sinjura Chircop ukoll talbet illi l-flus li jinġabru għandhom jinqasmu bejn aktar nies li qed isofru minn mard li għandna fil- lokal.

Wara diskussjoi għar rigward il-punt li qajjmet is-Sindku il-Kunsill qabel illi meta xi ħadd javviċina il-Kunsill għal għajnuna il-Kunsill ser jikkometti ruħu li joħloq xi tip attivita' ta' 'Fund Raising' għal dik il-persuna partikolari.

Il-Kunsill kollu tkellem dwar il-mixja msemmija fis-Seduta preċedenti fuq il-loġistika ta' l-attivita'.

Is-Sur Chris Bruno ser ikun qed jikkuntatja lill 'Puttinu Cares' biex waqt din l-attivita' ikun hemm xi karattri għat-tfal, biex b'hekk jitħajjru aktar nies jippartecipaw.

## 4. Korrispondenza

4.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi fuq rikjesta ta' persuna li toqgħod fi Triq San Leonardu biex isir 'railing' mal-kantuniera tagħha, il- ħaddiema tal-Kunsill ser ikunu qed jagħmlu dan kif diġa sar f'postijiet oħra biex jitnaqqas il-periklu minħabba li t-triq dejqa u jgħaddu ħafna trakkijiet.

4.2.Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi hemm bżonn li jsir ċaqliq ta' arblu tad- dawl ġewwa Triq iż-Żebbuġ minħabba illi qed isiru xi xogħolijiet approvati mill-MEPA fuq dar partikolari fejn dan l-arblu tad-dawl issa ġie f'nofs ta' garaxx.

Din il-persuna spjegat eżatt l-affarijiet kif inhuma kif ukoll tat permess il- Kunsill li minflok l-arblu tad-dawl titwaħħal bozza mal-faċċata tiegħu.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.3.Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill dwar ilment minn naħa tal-K.N.P.D. rigward il-latrina magħluqa li taqa taħt il-Kunsill ġewwa ix-Xatt, fejn qed jitolbu li tinfetaħ biex ikun hemm aktar aċċessibilta' għan nies b'diżabilta'.

Il-Kunsill qabel illi din il-kamra li attwalment qed tintuża bħala 'store' wara li kien hemm problemi ta manutenzjoni għandha tinfetaħ u tiġi irranġata minnufih.

4.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi ser tkun qed iġġib kwotazzjoni għal xogħol ta' tranġar li hemm bżonn li jsir ġewwa Triq Santu Rokku fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku is-Sur Chris Bruno.

Is-Sur Bruno isuġerixxa li tinġieb kwotazzjoni minn persuna partikolari li waqt il-laqgħa tar- Reġjun li saret aktar kmieni dan ix-xahar ta' preżentazzjoni ta' dan it-tip ta' xogħol u tal-prodotti li għandhom bħala kumpanija.

4.5 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar kors li ser ikun qed jiġi 'mtella minn naħa ta' l-MCA rigward l-ICT skills li ser ikun addatat għan nies minn 25 il sena sa 64 sena.

Il-Kunsill kollu qabel unanimament illi l- Kunsill Lokali Kalkara għandu jipparteċipa f'dan il-proġett biex b'hekk ir-residenti ikollhom opportunita' li jiġu mħarrġa aktar fuq dan is-suġġett.

4.6 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar pożizzjoni li l-Kunsill jista jieħu fir-rigward it-tneħħija tal-ħamiem mill-lokal wara li resident stess kien bgħat ilment lil Ministeru tas-saħħa.

Dan l-istess Ministeru talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikunu jistgħu jinqatlu il-ħamiem in kwestjoni.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi diġa f'lokalitajiet oħra saret din il-biċċa tax-xogħol fejn ikun hemm Pulizija preżenti meta jiġu sparati.

Il-Kunsill talab lis-Seg.Eżek. iġġib bil- miktub mill Ministeru għad drittijiet ta' l-annimali jekk din il-pożizzjoni hiex l-aħjar soluzzjoni rigward il- problema fil-lokal ta' ħamiem, minħabba il fatt illi veru il-ħamiem huma meqjusin bħala 'pests' li jġibu il- mard imma fl-istess ħin din il-pożizzjoni tista tiġi meqjusa bħala moħqrija ta' l-annimali.

4.7 Is-Sindku talbet il kummenti tal-Kunsilliera rigward id-dawl madwar ix-Xatt tal-Kalkara fejn dawn meta saru ma sarux b'proċeduri ta' saħħa u sigurta kif suppost, hija spjegat illi dan id-dawl ilu hekk mil bidu li saru (snin twal) fejn qatt ma ġara xejn ta' periklu għan nies, pero' jibqa il fatt illi mhumiex qegħdin kif suppost.

Is-Seg.Eżek. spjegat ukoll illi jekk dawn id-dawl jiġi irranġat kif suppost ser ikunu qed jintefqu flus għal ftit żmien għaliex meta jinbeda il proġett kapitali dawl l-istess globi ser ikunu qed jinqalaw darba għal dejjem.

Il-Kunsill qabel unanimamnet illi id-dawl għandu jitranġa minħabba sigurta tan-nies li jgħaddu minn ħdejh.

4.8. Is-Sindku infurmat lill Kunsill illi ser tkun qed titwaħħal mera ġewwa ix-Xatt faċċata ta' Triq il-Frejgatina fuq rikjesta ta' residenti li jużaw spiss Triq il-Frejgatina fejn qed isibuwa diffiċli biex joħorġu minnha.

4.9 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar proġett ma pajjiżi oħra fejn il-Kunsill Lokali Kalkara ser ikun qed jissieħeb bħala sieħeb Malti flimkien ma xi Kunsilli Maltin oħra. Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk ser ikun is-sieħeb ewlieni ta' dan il-proġett.

4.10 Is-Sindku uriet email li irċieva il-Kunsill minn naħa tal-MEPA wara li s-Seg.Eżek kienet kitbet ilment lilhom dirett fuq suġġeriment ta' resident fil- Kalkara fir-rigward għoli ta' bankina li qed issir viċin sit ta kostruzzjoni fi sqaq viċin l-inħawi ta' Santu Rokku.

Il-Kunsilliera qablu bejniethom biex qabel ma nkellmu lil dan l-individwu nkellmu l-Perit tal-Kunsill għal gwida aktar professjonali dwar il-bankini fil-lokal, wieħed għandu jiċċekja jekk dan l-isqaq huwiex privat jew le.

4.11 Is-Sindku uriet ritratti li 'ntbgħatu minn resident li għandu garaxx fi Triq Antonio Falzon, fejn dan qed jitlob li jitħassru il-parkeġġi ta' faċċata tal-garaxx tiegħu minħabba il fatt li qed isiba diffiċli biex joħroġ mill-garaxx tiegħu stess.
Il-Kunsill qabel unanimamnet illi dan l-ilment għandu jintbgħat lill-TM għal aktar gwida minn naħa tagħhom.

## 5.Komunikazjoni tas-Sindku

5.1 Is-Sindku infurmat lill Kunsill illi wara żewġ gruppi ta' intervisti li saru aktar kmieni fix-xahar ta' Jannar u Frar, kienet instabet persuna li fil-fehma tal- bord preżenti waqt l-intervisti huwa il-persuna ideali biex jibda jaħdem mal-Kunsil Lokali Kalkara.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi din il-persuna trid tiġi imħarrġa mill-bidu minħabba li m'għandiex esperjenza ta' kif jitmexxa Kunsill.

Din il-Persuna ser tkun qed tibda mill-1 ta' Marzu 2016.

5.2 Is-Sindku infurmat lill- Kunsill dwar żewġ bins b'karattri ħelwin li ġew imwaħħlin l-iskola u il-bandli bis- saħħa tad-Direttorat tal-Indafa Pubblika li minn naħa tagħha f'isem il-Kunsill xtaqet tirringrazzja lis-Sur Ramon Deguara.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill ukoll illi aktarx l-istess Direttorat ser ikun qed itina bins tal-klieb għad- dispożizzjoni tagħna.

Is-Sinjura Maria Sultana, ikkonfermat illi l-bin li twaħħal fil-bini ta' l-iskola intlaqa tajjeb mit-tfal kif ukoll għamel ambjent pjaċevoli fl-istess ħin.

5.3 Is-Sindku infurmat il- Kunsill illi kien hemm xi residenti illi talbuwa li jitwaħħal sinjal qabel ma tinżel il-Bajja ta' Rinella minn naħa ta' Triq Santu Rokku biex b'hekk is-sewwieqa ikunu jafu illi trid iddur lura biex toħrog il-barra mill-Kalkara.

Is-Seg.Eżek. kif ukoll il-Kunsillier Pawlu Bongailas infurmaw lis-Sindku illi sinjal diġa kien hemm.

Is-Seg.Eżek. kellha tikkonferma dan fuq il-post.

5.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar il-ħarġiet li ser tkun qed torganizza imsemmijin hawn taħt :

Ħarġa Kulturali ġewwa Għawdex (27/3/2016).

## 6.KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA

### 6.1 Il-Viċi Sindku Christopher Bruno għadda dawn il-punti

1. Is-Sur Bruno talab lis-Seg.Eżek. tiċċekja ta' minn hi it-tabella li hemm imwaħħla fl-inħawi ta' Triq il-Missjoni Taljana (fejn iċ-ċumnijja). It-

tabella hija indikazzjoni lejn fort Ricasoli. Is-Sur Bruno saħaq illi apparti li l- kliem ġew id deterjorati bix-xemx, il-pożizzjoni fejn ġiet imwaħħla mhux ta' għajnuna ta' xejn għas-sewwieqa minħabba illi ma tidirx.

2. Is-Sur Bruno spjega kif 'Stop Sign' impinġijja ma' l-art fi Triq Patri Mattew Sultana, illi fil-fehma tiegħu kienet qegħda hemm hekk għalxejn minħabba li t-triq l-oħra hija 'One Way', apparti minn hekk li 'Stop Sign' hija impinġija lura ħafna mill- kantuniera li sewwieq xorta ikollu joħroġ ħafna aktar il-barra minnha biex jara il- karozzi.

Is-Sur Bruno spjega ukoll illi minn din it- triq qed jitilgħu ħafna karozzi 'Wrong Way'

Is-Seg.Eżek. ser tkun qed tibgħat email it-TM għal gwida kif ukoll rapport formali lill-Pulizija.

3. Is-Sur Bruno talab il-Kunsill biex jiċċekja dwar iż- 'Zebra Crossings' li saru in-naħa ta' Bighi minħabba li fil-fehma tiegħu huma ta' periklu minħabba li m'hemm l-ebda tabella fil-viċinanzi li tindika lis- sewwieqa li ġejja 'Zebra Crossing'.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi dawk iż-'Zebra Crossings' saru b'mod temporanju sakemm jitlesta il- proġett kapitali ta' Bighi, pero' ser tkun qed tikkonferma dan fil-ġranet li ġejjin.

6.2 **Il-Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana għaddiet dawn il-punti**

1. Is-Sinjura Sultana infurmat il-Kunsill dwar laqgħa li kellha ma rapreżentanti tal-'GreenPak' aktar kmieni dan ix-xahar fejn kienu preżenti ukoll il-Kap ta' l-iskola kif ukoll is-Sindku, fejn intlaħaq ftehim biex issir attivita' / sezzjoni edukattiva ġewwa l-iskola Primarja tal-Kalkara fejn it-tfal ser ikunu qed jiġu aktar imħarrġa dwar l-iskart separat.

Din l-attivita' edukattiva ser tkun qed issir fis-6 t'April 2016.

2. Is-Sinjura Sultana staqsiet jekk il-Kunsill irċeviex xi tip ta risposta rigward it-tneħħija ta' 'Zebra Crossing' fi Triq il-Luqqata kif ukoll talbet li tinżebagħ mill-ġdid.

Is-Seg.Eżek ser tkun qed tibgħat email biex tfakkar mill-ġdid lit-TM rigward iż-'Zebra Cross' ta' Triq il-Luqqata.

3. Is-Sinjura Sultana ikkonfermat illi wara ħafna lmenti fi Triq Santa Filumena rigward ilma ħiereġ li kien qed imur għand in-nies, il problema ġiet solvuta minn naħa tal-'Water Works'. Hija saħqet illi hemm bżonn illi jgħatu it- tarmak il- biċċa triq li fetħu biex ġiet tranġata din il-ħsara imsemmija hawn fuq.

Is-Sindku ukoll ikkonfermat illi t-tarmak ser ikun qed isir wara li hi kellha kuntatti diretti fil- ġranet ta' qabel ma ġew jirranġaw din il-problema mal-'Foreman' kif ukoll mal- ħaddiema biex dan iseħħ. Is-Sindku ser tkun qed terġa iċċempel lill-'Foreman' biex tenfasizza l-importanza li jitlesta it tarmak ukoll.

4. Is-Sinjura Sultana infurmat il-Kunsill bis suċċess ta' l-attivita' li saret aktar kmieni fix- xahar ta' Frar għat-tfal fil-Karnival, fejn kien hemm attendenza kbira u pożittiva minn naħa tal-ġenituri preżenti.

## 6.3 Il-<u>Kunsillier Is-Sur Pawlu Bongailas għadda dawn il-punti</u>

1. Is-Sur Pawlu Bongailas wera waqt il-laqgħa abbozz tal-fuljett li ser ikun qed jitqassam f'kull residenza fil-Kalkara.

Il-Kunsiliera ma kellhom l-ebda kummenti jew punti oħra xi jżidu f'dan l-istess fuljett.

Is-Sur Bongailas saħaq illi għax-xahar ta' Diċembru tkun ħaġa sabiħa aktar li jinħareġ 'Magazine' minnflok fuljett. Is-Sindku Speranza Chircop qablet mas- Sur Bongailas rigward dan.

2. Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis- Seg.Eżek. biex tibgħat email lill-TM biex tinfurmhom illi ż-'Zebra Cross' li kien hemm Triq Rinella ma ġietx miżbugħa wara li kienet saret it-Triq bit-tarmak aktar kmieni fis sena 2015.

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata ghat- Tlieta 29 ta' Marzu 2016 fil-5:00pm.

**Speranza Chircop**
**Sindku**

**Elaine Caruana**
**Seg.Eżek.**